Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nr: 65 / 2018

Il-Pulizija

(Spettur Anne Marie Micallef)

vs

Donald Micallef

Omissis

Illum 7 ta' Mejju, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Donald Micallef detentur tal-Karta tal-Identita Nru. 79818(A), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fi Frar, 2011 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew mghamula b'rizoluzzjoni wahda, personalment u/jew fil-kapacita' taghhom ta' diretturi jew ufficjali tal-kumpanija Market Handle Limited (reg. No. C 49546)

1. Approprjaw ruhom, billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal-persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tlett mijau disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' WE Advertise Limited,

liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u l-istess somma giet fdata lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz taghhom;

Lil Donald Micallef wahdu:

2. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor,m ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-dannu ta' Adrian Galea u ta' l-istabbiliment YAL Home and Electronics;
3. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, ghad-dannu ta' Adrian Galea u ta' l-istabbiliment YAL Home and Electronics, ghamel qliegh b'qerq ta' mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94);
4. U aktar talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet deispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
5. U aktar talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;
6. U aktar talli, ghamel jew ta' dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna l-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 533 tal-kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fit-30 ta' Jannar, 2018 fejn il-Qorti illiberat lill-*omissis* mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u wara li rat l-artikoli 293, 294, 308, 309, 189 and 190 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill Donald hati u kkundannatu disa' xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Frar, 2018 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, wara li tikkunsdira l-evidneza kollha u tisma' l-argumenti:

A. Tirrevoka u tannulla is-sentenza appellate u tghaddi biex tezamina l-kawza billi ssib liz-zewg akkuzata hatja u tghati l-piena korretta ai termini tal-ligi.

Alternattivament,

B. Jekk din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju sottomess mill-appellant Avukat General li jirrellata man-nullita' tas-sentensa appellata, tirriforma l-istess sentenza billi:
    i. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabet lil Donald Micallef hati tal-akkuzi mijguba fil-konfront tieghu;
    ii. Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti kkundannat lil Donald Micallef ghall-piena ta' prigunerija ta' disa' xhur u minflok tinfliggi piena idonea fil-konfront ta' Donald Micallef li tkun fil-parametri tal-ligi, ghall-dawk l-akkuzi li taghhom instab hati.

iii. Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti ma sabitx lil Celine Lee Bentley hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u lliberata u minflok issib lil Celine Lee Bentley hatja tal-akkuzi mijguba fil-konfront taghha u tikkundannha ghall-piena ai termini tal-ligi.

Rat l-atti;

Rat il-fedina penali tal-appellant pprezentata mill-prosekuzzjoni fuq talba tal-Qorti.

Rat li l-Kummissarju tal-Pulizija ddikjara l-intenzjoni tieghu biex jappella. Illi l-Avukat Generali ircieva l-atti u hassu aggravate mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

L-Avukat Generali permezz tar-rikors tieghu tal-appell, prezenta is-segwenti aggravji:

i. Illi s-sentenza appellata hija nulla u bla effett stante li ma fijiex wiehed mir-rekwiziti *ad vadilitatem*;
ii. In subsidium, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, illi Donald Micallef gie kkundannat piena li m'hix fil-parametri tal-ligi fir-rigward tar-reati li taghhom instab hati;
iii. In subsidium, u minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedent, l-Ewwel Qorti waslet ghall-gudizzju taghha fil-konfront ta' Omissis wara applikazzjoni zbaljata tal-ligi u tal-evidenza migjuba quddiemha fil-konfront tal-appellata.

Ikkunsidrat;

Illi din is-sentenza hija limitata ghall-ewwel aggravju imressaq mill-Avukat Generali rigwardanti n-nullita ts-sentenza appellata u dan stante li skont l-Avukat Generali l-

Ewwel Qorti naqset milli ssemmi l-artikoli kollha li jikkontemplaw ir-reati li l-imputat Donald Micallef gie misjub hati taghhom. B'zieda ma dan, mhux biss l-Ewwel Qorti fil-parti dispositiva tas-sentenza appellata ma semmietx l-artikoli kollha li jikkontemplaw ir-reati li l-imputat Donald Micallef instab hati taghhom u cioe' l-artikolu 183, 184 u 185(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda semmiet l-artikolu 189 u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li taghhom ma kienx gie akkuzat. Skont l-appellant Avukat Generali, dawn iz-zewg fatturi iwasslu ghan-nullita' tas-sentenza *ai termini* tal-ligi.
Illi fil-verbal ta' quddiem din il-Qorti ta' nhar l-20 ta' Novembru, 2018 l-Avukat Generali kien irtira l-aggravju rigwardanti Celine lee Bentley li jikkoncerna n-nullita' ts-sentenza tal-Ewwel Qorti fir-rigward ta' Celine Lee Bentley, izda insista fuq l-aggravju rigward in-nullita' tas-sentenza rigwardanti l-imputat Donald Micallef. Din il-Qorti kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tal-Avukat Generali fir-rigward ta' Celine Lee Bentley u ghalhekk ikkunsidrat is-sentenza tal-Ewwel Qorti bhala konfermata fil-konfront taghha.

Illi fil-parti dispositiva tas-sentenza appelata, il-Qorti kkunsidrat:
'*Consequently, this Court finds Celine Lee Bently not guilty of the charges brought against her and is therefore acquitting her therefrom.*

*In regards of Donald Micallef the Court after having seen articles, 293, 294, 308, 309, 189 and 190 of Chapter 9 of the Laws of Malta, finds the accused Donald Micallef guilty as charged and condemns him for a term of imprisonment of nine months.*'

L-imputat Donald Micallef kien akkuzat bis-segwenti:

'*talli fi Frar 2011 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, personalment u/jew fil-kapacita' tieghu ta' direttur jew ufficjali tal-kumpanija Market Handle Limited (reg. no. C 49546)*

*1. Approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' WE Advertise Limited, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u l-istess somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu u talli*

*2. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-dannu ta' Adrian Galea u ta' l-Istabiliment YAL Home and Electronics;*

*3. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, ghad-dannu ta' Adrian Galea u ta' l-Istabiliment YAL Home and Electronics ghamel qliegh b'qerq ta' mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94);*

*4. u aktar talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsfikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjoniiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;*

*5. U aktar talli xjentement ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza;*

*6. U aktar talli, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;'*

Illi skont ma jirrizulta a fol 240, l-Avukat Generali dehrlu li setghet tinstab htija fil-konfront tal-imputati taht is-segwenti artikoli u cioe':

'*(a) Against the  accused in terms of articles 18, 308 309, 310(1)(a) of Chapter 9 of the Laws of Malta;*
*(b) Limitedly against Donald Micallef in terms of articles 18, 183, 184, 185 (2), 293, 294, 309 of Chapter 9 of the Laws of Malta;*
*(c) In terms of sections 17, 31, 533 of Chapter 9 of the Laws of Malta;*'

Illi l-Qorti kienet ghalhekk marbuta biex tiddeciedi skont l-artikoli indikati mill-Avukat Generali u ghalhekk ma setghetx tmur oltre dawk indikati.

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u* ***ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat***'. (Emfazi mizjuda)

Ghalhekk l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha kellha mhux biss tghid il-fatti u taghti l-piena izda li ssemmi l-artikoli li jikkontemplaw ir-reati li taghhom kien qieghed jinstab hati l-imputat. Illi gialadarba mid-*decide* jirrizulta li l-imputat Donald Micallef kien qieghed jinstab hati ta' dak kollu li gie akkuzat bih, fi kliem l-Ewwel Qorti '*guilty as charged*', din il-Qorti ma setghetx tindika artikoli li taghhom l-Avukat Generali ma kienx indika fin-nota tar-rinviju tieghu u li taghhom lanqas kien akkuzat, minkejja li dawn l-artikoli kienu ukoll jirrigwardaw reati rigwardanti falsifikazzjoni. Ghalhekk kif tajjeb issottometta l-Avukat Generali fl-appell tieghu, l-imputat  Donald Micallef ma setghax jinstab hati taht l-artikolu 189 u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gialadarba huwa ma kienx akkuzat b'dawk ir-reati kontemplati b'dawk l-artikoli.

In oltre, kif tajjeb issottometta wkoll l-Avukat Generali, jirrizulta li l-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva naqset milli ssemmi l-artikoli  183, 184, 185(2) tal-Kapitolu 9 u dan minkejja li l-imputat kien instab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra jekk dawn in-nuqqasijiet iwasslux ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela'**[1] gie kkunsidrat li:

'*Illi meta l-Qort, kif taghmel dejjem, giet biex tistudja l-process, osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.*

*Ikkonsidrat ;*

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt R. Vella) Vs Dennis Farrugia Omissis'**[2] gie kkunsidrat li:

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006 (Appell Kriminali numru: 336/2005)
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' April, 2009 (Appell Kriminali Numru: 85/2009)

*'Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena* *w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.'*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen Bonsfield'**[3]:

*'...l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza ghandu jigi akkolt mhux biss ghaliex l- Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li taghhom l- appellant instab hati, imma ukoll ghaliex, kif irriskontrat din il-Qorti "ex officio", fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ccitat artikoli li mhux biss ma gewx indikati lilha mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu, imma artikoli li jew huma inezistenti jew manifestament zbaljati.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mark Portanier'**[4] il-Qorti kkunsidrat li:

***'Illi qabel xejn il-Qorti trid necessarjament tosserva li – kif gibdet l-attenzjoni tal-partijiet waqt l-udjenza - fis- sentenza appellata , l-Ewwel Qorti ma ccitatax id-dispozizzjonijiet tal-ligi li tahthom sabet lill-appellant hati;***

***Semghet ghalhekk it-trattazzjoni dwar din il- pregudizzjali ;***

***Ikkonsidrat ;***

***Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati , meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati , taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta'***

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell Kriminali numru: 327/2005)
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell kriminali nhar l-14 ta' Settembru, 2004 (Appell Kriminali Numru: 149/2004)

***kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;***

***Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata . Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali.'***

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. Bernard C. Spiteri) (Spt. Martin Sammut) Vs Matthew Zammit'**[5] gie kkunsidrat:

*'Illi l-Avukat Generali ghandu ragun. L-appellat kien inter alia gie akkuzat b' serq kwalifikat bil-hin. L-Ewwel Qorti, minnkejja l-ammissjoni tal-appellat, iccitat espressament biss l-artikolu 285 tal-Kodici Kriminali li jittratta r-reat ta' serq semplici. Invece kellha ticcita l-artikoli 261 (f), 270 u 281(a) tal-istess Kodici. Id-dicitura li adoperat l-Ewwel Qorti u cioe' "...wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l- artikolu 285 tal-Kap. 9...." ma jissodisfax il-vot tal-ligi. Dan ghaliex, kif dejjem gie ritenut, skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s- sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"**[6] ; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"**[7] ; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"**[8] **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"**[9], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"**[10]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"**[11]; **"Il-Pulizija vs.***

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Dicembru, 2008 (Appell Kriminali Numru: 263/2008)
[6] Deciza fil-25 ta' Settembru, 2003
[7] Deciza fid-9 ta' Settembru, 2002
[8] Decizi fl-10 ta' Lulju, 2002 u t-28 ta' Gunju, 2002
[9] Deciza fl-24 ta' April, 2002
[10] Deciza fl-14 ta' Settembru, 2004
[11] Deciza fid-19 ta' Mejju, 2005

***Stefan Abela"***[12] *; "**Il-Pulizija vs. Josette Bickle**"*[13] *u ohrajn).*

*Fi kliem iehor ma jistax isir accenn b' mod generali ghal artikoli tal-ligi bla ma jissemmew espressament, wiehed, wiehed, jekk ikun il-kaz. B' dana kollu hekk sar fis- sentenza appellata. Mbaghad gie citat espressament biss l-artikolu 285 li mhux applikabbli kif fuq intqal. Dan wahdu jimporta n-nullita' tas-sentenza.'*

Ikkunsidrat;

Illi ghalhekk jirrizulta li l-izbalji li ssolleva l-Avukat Generali fis-sentenza appellata jrendu s-sentenza appellata fil-konfront ta' Donald Micallef nulla stante li ma tirrispettax ir-rekwiziti li sentenza ghandha tkun fiha skont l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti mhux biss ma setghetx issib htija ta' artikoli mhux indikati fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali, izda lanqas ma setghet f'nifs wiehed tghid li qieghda ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha umbghad tonqos milli ssemmmi l-artikoli kollha li jikkontemplaw ir-reati li taghhom kien akkuzat u misjub hati. Dan ghalhekk jimporta n-nullita' tas-sentenza fil-kontront ta' Donald Micallef.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qighda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Generali u qieghda tannulla s-sentenza appellata fil-konfront ta' Donald Micallef u qieghda ghalhekk tiddiferixxi dan l-appell ghal data ohra sabiex il-partijiet jitrattaw il-mertu mill-gdid sabiex il-kawza tigi deciza mill-gdid skont il-Ligi.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[12] Deciza fit-2 ta' Frar, 2006
[13] Deciza fit-2 ta' Novembru, 2006